MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 21/2010

**David Scott (ID Nru. 0402708L).**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-10 ta' Novembru 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell.*

*Ra ir-risposta.*

*Ikkunsidera*

*Illi irrizulta ampjament mill-ispezzjoni maghmula mill-ispetturi ta' kontra l-Frodi li l-beneficcjarju ma kienx qed jabita fl-indirizz minnu moghti. Anzi rrizulta li l-fond liberu qed jigi okkupat minn terzi. Mhux hekk biss, izda kellu redirection of mail ghal perijodu ta' zmien twil.*

*L-appell qed jigi michud".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Scott (I.D Nru. 0402708L datat 5 ta' Dicembru 2010 a fol 1 tal-process fejn l-appellanti sostna li d-decizjoni appellata hija skorretta mil-lat fattwali fuq diversi punti; u filwaqt illi ghamel referenza ghall-provi prodotti u atti processwali kollha u rriserva li jipproduci provi ulterjuri skont il-ligi u li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fl-10 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa' it-talba tieghu fl-istess appell.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 25 ta' Frar 2011 a fol 6 tal-process fejn filwaqt illi rrefera ghall-atti tal-kawza, rrizerva illi jaghmel l-osservazzjonijiet kollha jidhrulu xierqa, u li jipproduci l-provi kollha ammissibbli skont il-ligi f'dan l-istadju, talab li din il-Qorti tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellant u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fl-10 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet David Scott vs Direttur tas-Sigurta` Socjali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fl-14 ta' April 2011 meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghad-direttur appellat rapprezantat minn Ivan Cilia u Dr. Mark Mifsud Cutajar ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat l-atti tad- d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fl-10 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet David Scott vs Direttur tas-Sigurta` Socjali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell li sar mill-appellant mid-decizjoni tal-Arbitru datata 10 ta' Novembru 2010 fejn fl-istess decizjoni, ta' mhux iktar minn sitt (6) linji, inghad li *"irrizulta ampjament mill-ispezzjoni maghmula mill-ispetturi ta' kontra l-Frodi li l-beneficcjarju ma kienx qed jabita fl-indirizz minnu moghti. Anzi rrizulta li l-fond liberu qed jigi okkupat minn terzi. Mhux hekk biss, izda kellu redirection of mail ghal perjodu ta' zmien twil. L-appell qed jigi michud".*

Illi fir-rikors tal-appell odjern jirrizulta li l-appellanti qed isostni li huwa fil-fatt ghadu jghix fil-fond *de quo* u li fis-sentenza tieghu *"l-Arbitru.....iccensura lill-appellant u halla barra konsiderazzjonijet importanti, u dan billi l-esponent ghadu jghix fil-post in kwistjoni tant li n-notifika tad-decizjoni waslitlu fl-istess fond u dan minkejja li mill-provi oggettivi jidher car li l-appellant huwa intitolat ghall-ghajnuna billi l-mezzi tieghu huma taht il-limitu u huwa f'posizzjoni li jiggustifika dan kollu; 7. Illi bl-akbar rispett, id-decizjoni ta' l-Arbitru, halliet dawn il-fatti barra mill-konsiderazzjonijiet taghha, meta fil-kaz in ezami. ......id-decizjoni appellata hija skorretta mill-lat fattwali fuq diversi punti",* u ghalhekk qed jitolob ir-revoka tal-istess decizjoni tal-Arbitru.

Illi d-Direttur tas-Sigurta' Socjali rrisponda ghal dan billi sostna li konsidrati l-fatti kif minnu allegati fis-sens li minn spezzjoni tal-Ispettorat fil-11 ta' Marzu 2010 rrizulta li l-appellant odjern ma kienx fil-fond indikat u minflok kien certu Alfred Murray, persuna ta' nazzjonalita' ngliza li qallhom li l-appellant kien mar l-Isptar Mater Dei; saret

spezzjoni ohra fit-12 ta’ Marzu 2010 fejn l-appellanti kien qieghed fil-fond, fejn f’wahda mill-kmamar kien hemm zewg persuni reqdin, fejn qed jinghad li l-appellant sostna mal-investigaturi li ma kellu ebda affarijiet fiha; li kien hemm xi hwejjeg fil-kmamar l-ohra, izda ma kien hemm ebda qliezet, T-Shirts, hwejjeg tas-sajf u essential *toiletries;* li meta mistoqsi l-appellanti ma pproduca l-ebda dokument li suppost fil-gurnata ta’ qabel kien l-Isptar Mater Dei; li gie kkonfermat li kien hemm direzzjoni mill-gdid tal-posta ghal fond iehor mill-14 ta’ Ottubru 2009 sat-18 ta’ Ottubru 2010; u ghalhekk a bazi ta’ dawn il-fatti l-appellant ma kienx jikkwalifika bhal kap tal-familja u/jew jabita fl-indirizz moghti minnu u ghalhekk id-decizjoni hija gusta.

Illi inghad ukoll li l-kondizzjoni medika u ekonomika tal-appellant ma jwasslux wahedhom sabiex jiggustifikaw li l-appellant huwa ntitolat ghall-ghajnuna socjali u dan ghaliex l-espressjoni “kap ta’ familja” hija iktar ampja minn hekk u hija ben definita fil-**Kap. 318;** hemm certi regoli ghat-tutela ta’ min hu hekk intitolat ghall-beneficcju *inter alia* dak li jipprovdi l-**artikolu 97 (b) tal-Kap. 318** fis-sens li it-taghrif moghti jkun qed jikkorrispondi mad-dettalji moghtija; u allura kien dmir tal-appellant li jinforma lid-Dipartiment li kellu terzi persuni jghixu mieghu u li kien applika ghal direzzjoni mill-gdid ta’ l-oggetti postali f’indirizz differenti minn dak iddikjarat minnu; skond is-sentenza **“Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 5 ta’ Marzu 2010) tali nuqqas ta’ osservanza sservi sabiex id-dritt taghha ma jibqax izjed tutelat u li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata. L-istess inghad fis-sentenza **“Joan Attard vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 8 ta’ Jannar 2010); li ghalhekk l-appellant isostni li l-verzjoni tal-appellanti ma kienitx wahda *“fededenja”* ghaliex l-appellant ma gabx prova li kellu appuntament l-Isptar fil-11 ta’ Marzu 2010; jinghad li fil-11 ta’ Marzu 2010 kien hemm fil-fond is-Sur Murray, l-ghada kien hemm persuni ohra; meta mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt kienu Alfred Murray u l-mara tieghu li kienu reqdin hemmhekk; ikkontestaw dak li qalu l-konjugi Murray u Dr. Joan Camilleri ghaliex dawn ma kienux prezenti waqt l-

ispezzjonijiet, u ghalhekk l-appellat sostna li fid-dawl ta' dan kollu *"l-ezercizzju diskrezzjonali fid-Direttur ma jista' bl-ebda mod jitqies vizzjat minn attitudini errata. Anzi kien id-dmir tad-Direttur li ma jhallix l-appellant japproffitta ruhu, meta mhux misthoqq, minn fondi tal-kollettivita'"* u ghalhekk fuq din il-bazi l-appell odjern ghandu jigi michud u d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 10 ta' Novembru 2010 tigi kkonfermata.

Illi wara li din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi, nkluz l-atti tad-decizjoni tal-Arbitru, r-rikors tal-appell u r-risposta tal-appell, jinghad ghal dak li gie appena citat fir-risposta tal-appell dwar id-decizjoni tad-Direttur, jinghad li dak li qed jigi kontestat f'dan l-appell hija d-decizjoni tal-Arbitru u l-mod kif din inhadet, tant li l-appellant kien specifiku dwar dan fejn sostna li l-Arbitru *".....iccensura lill-appellant u halla barra konsiderazzjonijet importanti,...".*

Illi minn qari tal-istess decizjoni tal-Arbitru din il-Qorti thoss li ma tistax ma taqbilx ma' dak sottomess mill-appellant u dan peress li jidher car mill-istess decizjoni li ma saret lanqas riferenza minima mill-Arbitru fl-istess decizjoni ghal dak sottomess quddiemu mill-istess appellant, b'dan li jidher li l-istess Arbitru rrefera biss ghar-rapport tal-Ispetturi ta' kontra l-Frodi u xejn izjed. Dan certament irendi l-appell tal-appellanti ben fondat ghaliex jirrizulta car li min kellu jiddeciedi ma tax ragunijiiet ghaliex l-ilment ta' l-appellant quddiemu ma kienx qed jigi accettat, tant li lanqas biss semma u individwalizza l-punti ta' l-appell quddiem mill-appellant, tant li ma rrefera ghall-ebda dokument li gie sottomess quddiemu mill-appellant, b'dan li minn qari tal-istess decizjoni, wiehed jasal biex jahseb li l-appellant ma pprovda l-ebda sottomissjoni, prova, jew argument quddiem l-istess Arbitru, haga li mhux minnu f'dan il-kaz, u dan il-punt ma giex lanqas indirizzat mill-appellat, meta kien dan il-punt li huwa l-mertu tal-appell odjern.

Illi anzi din il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-istess risposta tal-appell tal-appellat, ben motivata, anke fuq l-allegazzjonijiet ta' fatti minnu esposti, tikkonferma bil-mod kif redatta li fil-waqt li fl-istess risposta hemm il-posizzjoni

tal-appellat ghal dak li l-appellant kien issottometta quddiem l-Arbitru, (anke jekk din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-istess), fid-decizjoni tal-Arbitru ma hemm l-ebda riferenza ta' xejn ta' dak li ssottometta l-appellant, u dan irendi l-istess decizjoni suggetta ghar-revoka proprju ghaliex ma tatx kaz is-sottomissjonijiet tal-appellant quddiemu, u wisq inqas tat ragunijiet ghaliex tali sottomissjonijiet ma kienux qed jigu accettati. Fil-fatt tali sentenza rreferiet biss ghar-rapport imsemmi u ghal xejn izjed, bl-ebda riferenza ghar-ragunijiet ta' appell ta' l-appellant quddiemu u dan fih innifsu huwa nuqqas serju u jwassal sabiex tali decizjoni tigi revokata, kif qed tigi, ghaliex ma hijiex motivata skond il-ligi, u hija fil-verita' ksur tal-principju ta' smigh xieraq li kull persuna ghandu jkollha quddiem min ser jiddeciedi l-kaz, f'ambitu kemm amministrattiv, kwazi gudizzjarju, u gudizzjarju, u fil-fatt fl-istess decizjoni ma jistax jinghad li gie osservat il-principju ta' *audi alteram partem.* Fil-fatt huwa presumibilment ghalhekk li l-appellat stess ma ndirizzax l-ilment principali tal-appellant f'dan il-kaz li l-appellant gie ccensurat mill-Arbitru, u dan ghaliex mill-istess decizjoni tal-Arbitru jidher car li ma tax kaz ta' dak li l-appellant issottometta quddiemu, jew injora l-istess ghal kollox, jew kif hemm fir-rikors tal-appell *"l-Arbitru fid-decizjoni tieghu iccensura lill-appellant u halla barra konsiderazzjonijiet importanti".* (ara **"Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** – A.I.C. (RCP) - 13 ta' April 2011).

Illi jekk mbaghad il-Qorti tikkonsidra l-provi mressqa quddiem l-istess Arbitru din il-Qorti thoss li ma jirrizultax li mill-provi prodotti quddiem l-Arbitru, li gie ppruvat li l-appellant ma ghadux joqghod fil-fond *de quo*, u fil-fatt jinghad li hemm dikjarazzjonijiet tal-istess appellant, ta' Alfred u Anne Murray, u ta' Dr. Joan Camilleri, u dokumenti ohra inkluz ta' Dr. John Mifsud, (datat 3 ta' Marzu 2010) li kollha jindikaw minn xhiex ghadda u ghadu qed jghaddi l-istess appellant, u li fil-verita' huwa ghadu jghix fl-istess fond Flat 2, Block A, Triq il-Prozjunkula, San Pawl il-Bahar u kif proprju fit-3 ta' Marzu 2010 (ghalhekk ftit jiem qabel l-investigazzjoni msemmija) li kien ghadu kemm inghata pilloli ghall-kondizzjoni li kien qed ibati

minnha, indikata fid-dokument datat 24 ta' Marzu 2010 ffirmat minn Dr. Joan Camilleri, u kkoroborat minn dokument mahrug minn Dr. John Mifsud datat proprju 3 ta' Marzu 2010 mill-Isptar Mater Dei. Fil-fatt Dr. Joan Camilleri (Senior Clinical Pyschologist) tghid li fl-istat li kien, hija nkoraggiet li l-appellanti jkollu minn zmien ghal zmien xi hbieb mieghu ghal zmien qasir u dan ir-rapport bl-ebda mod ma gie kontradett, u wisq inqas allura, tenut kont il-portata tieghu, ma kellu jigi njorat ghal kollox fl-istess decizjoni hawn mertu ta' dan l-appell. Dan fuq bazi legali, ahseb u ara fuq bazi umanitarja u fuq principji ta' dicenza. Fl-istess waqt jinghad li x-xhieda tal-konjugi Murray lanqas giet kontradetta, fil-waqt li r-rapport tal-Ispettorat gie kontradett mill-appellanti fuq punti saljenti mhux l-inqas fejn l-appellat jghid fir-risposta tieghu li kien l-appellant li ma halliex lil persuni mill-Ispettorat jidhlu fil-kamra tas-sodda fejn kienu reqdin il-mistiedna tal-appellant, fil-waqt li l-appellant isostni li dan ma kienx minnu u jinnega wkoll dak allegat fl-istess rapport li huwa qal li ma kellux ebda hwejjeg fl-istess kamra imsemmija, anzi dan huwa kontradett fl-appell innfsu quddiem l-arbitru datat 15 ta' April 2010. Ma jistax lanqas jigi njorat li l-appellant kien u ghadu separat legalment u r-residenza tieghu fil-kuntratt ta' separazzjoni hija dik indikata lid-dipartiment. Jidher li r-rapport ta' Dr. Joan Camilleri gie mibghut ukoll lil Mr. Ruben Vella *Pyschiatric Social Worker* li kien qed isegwi l-kaz tal-appellant u ma jidhirx li r-rizultanzi hemm allegati gew b'xi mod kontradetti minn hadd. Dwar il-punt ta' *redirection of mail* mill-atti processwali disponibbli quddiem din il-Qorti, anke tal-process relattiv disponibbli quddiem l-Arbitru, tali redirezzjoni tal-posta giet biss imsemmija mill-istess rapport, izda ma hemm ebda prova ohra; dwar il-punt li l-appellat qed isostni li l-appellant ma gab ebda prova li huwa kien mar l-Isptar Mater Dei fid-data tal-ewwel spezzjoni tal-11 ta' Marzu 2010, u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li qal l-appellat fir-risposta tieghu, li l-appellanti naqas li jipproduci xi dokumenti anke *"meta mistoqsi"* (para. 2 (e) tar-risposta tal-appell), izda fil-verita mill-proceduri quddiem l-Arbitru dan ma jirrizultax. Mir-rapport tal-Ispettorat jirrizulta li l-appellant ta spjegazzjoni ghal dan, izda ma jidhirx li din giet lanqas ikkonsidrata fl-istess

decizjoni, li fil-verita' ma kkonsidratx xejn minn dak li ssottometta l-appellant quddiemu.

Illi saret riferenza mill-appellat ghall-**artikolu 97 (1) (b) tal-Kap. 318,** li jesigi li l-persuna li ghandha jedd ghal xi beneficcju taht l-istess Att, ghandha tipprovdi ic-certifikati u dokumenti, informazzjoni u xhieda sabiex jigi stabbilit il-jedd taghha taht l-istess Att li tircievi beneficcji u dan kif id-Direttur minn zmien ghal zmien jista' jehtieg, izda jinghad li applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami ma jirrizultax li l-appellant naqas li jaghti xi informazzjoni hekk rikjesta mid-Direttur; almenu mill-atti processwali ma jirrizultax li d-Direttur b'xi mod talab lill-appellant sabiex jipprovdilu xi dokumenti, informazzjoni, jew xi prova ohra skond id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu, u ma ghandniex xi nghidu, dan lanqas biss issemma bhala konsiderazzjoni fid-decizjoni tal-Arbitru hawn soggetta ghall-appell.

Illi saret riferenza mill-appellat ghas-sentenza **"Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Marzu 2010) u dan fis-sens li  jekk ikun nuqqas ta' osservanza fil-komportament tieghu ghal dak li tipprovdi l-ligi mela allura dan iwassal sabiex il-persuna li kellha dritt ghall-benificcju, titlef tali dritt. Din il-Qorti taqbel ma' dan il-pronunzjament, jekk tali att ta' inosservanza jirrizulta fil-fatt provat, haga li ma tirrizultax fil-kaz odjern, ghaliex il-kaz citat fuq imsemmi jirrizulta li kien kaz fejn id-Direttur kien talab lill-appellanti ghal xi dokumenti, li allega li ma gewx provduti, izda li gew provduti fl-appell. Il-kaz odjern ma jittrattax allegazzjoni li l-appellant naqas li jipprovdi xi dokument li d-Direttur specifikatament saqsa ghalih. Mela allura l-fattispecie tal-kaz huma differenti u l-ebda parti ma ghandha taqbad kwotazzjonijiet minn sentenzi, specjalment tal-Qrati nostrali, u tapplikahom ghall-fattispecie differenti. Dan ma jfissirx li beneficcarju ma ghandux l-obbligu li jinforma lid-Direttur b'dak kollu li huwa obbligat li jaghmel skond il-ligi li jista' jaffetwa d-dritt tieghu, izda biss li f'dan il-kaz ma jidhirx li l-appellant kiser b'xi mod tali obbligu ghaliex gie ppruvat li l-appellant baqa' jghix fl-istess fond u kien u baqa' kap ta' familja.

Illi izda mhux hekk biss izda fl-istess decizjoni citata mill-appellat mhux biss tghid li l-appellanti ghandha tirrispetta u tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha izda wkoll li tali persuna ghandha *"tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d-dokumenti li talabha".* Izda l-istess sentenza provdiet li jekk dik l-informazzjoni mbaghad tigi moghtija mela allura l-Arbitru, f'dak il-kaz jvarja d-decizjoni tad-Direttur, proprju ghaliex kellu kwadru komplet tas-sitwazzjoni, tant li l-istess Qorti qalet saggament li:-

*"L-osservanza tal-ligi hi haga altament desiderabbli u kull beneficcarju li jircievi l-assistenza mill-gdid tal-kollettivita' ghandu jifhem li s-skiet u n-nuqqas ta' kolloaborazzjoni tieghu ghandhom il-limiti taghhom u, anzi, jitraducu ruhhom f'dannu ghalih. Minn naha l-ohra, meta min irid jiggudika hu fakoltizzat li jiddeciedi bl-ekwita' u bil-gustizzja, m'ghandhux jadotta r-rigur tas-summum jus u l-inflessibilita' ta' xi disposizzjoni partikolari tal-ligi fejn ic-cirkostanzi pprezentati lilu, jkunu, entro ligi, jissugerixxu l-adozzjoni ta' soluzzjoni diversa u anqas rigida".*

Illi fil-fatt dik il-Qorti, f'dik is-sentenza laqghet l-appell quddiemha. Dan huwa ben differenti minn dak li allega l-appellat fir-risposta tieghu ghal dan l-appell, u allura sabiex ikun lejali lejn il-Qorti, la darba ccita din is-sentenza, kellu jiccitaha fil-partijiet kollha relevanti ghall-punt minnu mqajjem, haga li ma ghamilx, ghaliex meta tinqara s-sentenza kollu, din taghti spjegazzjoni tad-disposizzjonijiet kollha relevanti ta' interpretazzjoni tal-ligi u mhux biss parti minnha. Dan apparti li dan il-kaz huwa wkoll differenti minn dak hawn kwotat u citat, izda huwa relevanti dejjem kif gudikant ghandu jimxi meta jkollu l-provi quddiemu, specjalment meta id-decizjoni tieghu ghandha tkun ibbazata fuq principji ta' ekwita' u gustizzja, b'rispett lejn il-vertenza proprja, u s-sottomissjonijiet tal-partijiet quddiemu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-appellant fil-fatt ghadu joqghod fil-fond Block A, Flat 2, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar u ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 10

ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet **“David Scott vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (Decizjoni 415/10).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali datata 25 ta’ Frar 2011 u dan in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell tar-rikorrenti appellanti David Scott kontenut fir-rikors tieghu datat 9 ta’ Dicembru 2010** biss in kwantu l-istess huwa konformi ma’ dak hawn deciz, b’dan illi tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 10 ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet **“David Scott vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (Decizjoni 415/10), u konsegwentement id-decizjonijiet tad-Direttur datata 8 ta’ April 2010.

Bl-ispejjez kontra l-intimat id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------